MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 535/2007

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

JONATHAN CASSAR ta’ 22 sena, iben Lewis u Josephine nee’ Mifsud, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-08.07.1988, residenti fil-fond Flat 2A, Hilltop Court, Triq tas-Sliema, Marsascala, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 322684M;

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JONATHAN CASSAR** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Gunju, 2007 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jamminifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi

mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut mir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar meta kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jamminfattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar meta kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-Ordni mibghuta mill-Avukat Generali u l-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat il-provi kollha prodotti u preservati fl-atti;

Rat is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 13 ta' Mejju, 2011, u dik tal-Qorti tal-Appelli Kriminali datata 2 ta' Lulju, 2012;

Semghet it-trattazzjoni mill-gdid tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta l-pussess aggravat ta' sustanza ta' droga, u cioe' pussess bl-intenzjoni li din tigi traffikata u mibjugha lil terzi. Il-provi f'din il-kawza kollha kienutressqu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u jinsabu hawn fl-atti. Jirrisulta li l-imputat kien inqabad fir-residenza tieghu bi

kwantita’ ta’ droga li, fic-cirkostanzi li nstabu, kienu jindikaw li kien ser isir bejgh u traffikar tal-istess. Din il-Qorti mhix ser tidhol fid-dettall ta’ dawn il-provi, ghas-semplici raguni li sew l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell dahlu fil-fond dwar x’jikkostitwixxi pussess semplici u pussess aggravat. Huwa minnu li fil-pusses tal-imputat instab kwazi nofs kilo droga cannabis, kif ukoll ftit aktar minn gramma kokajina u xi zerriegha tal-qanneb. Dwar il-cannabis, din il-Qorti m’ghandha ebda dubju li din kienet ser tigi traffikata. Kienet inqatghet fi tmienja w tletin bicca, u l-kumplament kienet immarkata ghall-qtugh. L-imputat qal fl-istqarrija tieghu li l-cannabis kellha sservih ghal sena, izda d-droga ta’ dak it-tip, peress illi hija ta’ origini organika, ma ddumx daqshekk. Ghalhekk huwa evidenti li l-pussess kien b’intenzjoni oltre l-uzu personali. Di fatti, il-kokajina li nstabet giet indikata bhala pussess semplici, haga li din il-Qorti tikkondividi.

Mill-atti jirrisulta li z-zewg partijiet ma kienux kuntenti bis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u t-tnejn intavolaw appell quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali. L-imputat ried piena anqas, mentri l-Avukat Generali ried piena akbar. Id-difiza argumentat li l-pussess kien wiehed semplici ghallusu personali, u ghalhekk il-piena kienet eccessiva. L-Avukat Generali, min-naha tieghu, gab esempji ta’ sentenzi ohra kontra terzi ghal reati simili, u argumenta li dawn kollha kienu inghataw ferm aktar mill-piena li kienet inghatat lill-imputat.

Din il-Qorti tifhem li llum, ghadda izjed zmien minn meta gie kommess ir-reat, izda l-gravita’ tar-reat jibqa’ hemm. Il-Qorti ma semghet ebda raguni ghalfejn kellha tinghata piena inqas minn dik li kienet inghatat, anzi l-kuntrarju huwa

korrett. Semmai, kellu jinghata piena oghla minn hekk, u ghalhekk din il-Qorti sejra taghti l-piena li jidhrilha fic-cirkostanzi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 8(a), (d) u (e) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ir-Regolament 9 tal-GN 292.1939;

Kif ukoll id-Disposizzjonijiet 4 u 6 tat-Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' tlitt snin prigunerija, kif ukoll ghal multa ta' €5,000;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €2,249.23.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita, gia' mmarkata bhala Dok KB310.2007

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------